# Il-Gradwati: 2023

NR238/2024 Data tal-Ħruġ: 12 ta’ Diċembru 2024

*Fl-2023, il-gradwati fil-livell terzjarju kienu jammontaw għal 5,833 – żieda ta’ 6.6 fil-mija fuq is-sena ta’ qabel.*



Din l-istqarrija tal-aħbarijiet tinkludi gradwati minn korsijiet ta’ edukazzjoni formali b’tul minimu ta’ semestru ta’ studju full-time (jew l-ekwivalenti f’part-time) u li jitwasslu minn Malta. Il-gradwati huma inklużi irrispettivament minn jekk humiex residenti f’Malta jew barra minn Malta. Il-popolazzjoni ta’ istituzzjonijiet edukattivi kkunsidrati tinkludi istituzzjonijiet li jwasslu programmi ta’ edukazzjoni formali minn Malta, kemm online kif ukoll wiċċ imb wiċċ, fil-livell terzjarju.

Aktar minn nofs il-gradwati terzjarji (60.1 fil-mija) kienu nisa (Ċart nru 1, Tabella nru 1), u n-nisa għaddew lill-irġiel fil-livelli kollha tal-edukazzjoni terzjarja (Ċart nru 2). Għal kull 100 gradwat raġel, kien hemm 151 gradwata mara. Kien hemm ukoll żieda fl-għadd sħiħ ta’ istituzzjonijiet edukattivi li taw edukazzjoni terzjarja fis-sena ta’ riferenza (ara n-nota tal-metodoloġija nru 4).

Il-biċċa l-kbira tal-gradwati terzjarji kisbu kwalifika f’livell 6 tal-ISCED (Baċellerat jew ekwivalenti) (52.5 fil-mija). Warajhom, 34.9 fil-mija tal-gradwati terzjarji kisbu kwalifika f’livell 7 tal-ISCED (Masters jew ekwivalenti) (Tabella nru 1).

## Ċart nru 1. Gradwati terzjarji bis-sena u s-sess




Nota: Il-livell terzjarju jirreferi għal-livelli tal-ISCED minn 5 sa 8; ara n-nota metodoloġika nru 2.

## Ċart nru 2. It-taqsim perċentwali tal-gradwati terzjarji bil-livell tal-edukazzjoni u s-sess




Noti:

1. Il-livell terzjarju jirreferi għal-livelli tal-ISCED minn 5 sa 8; ara n-nota metodoloġika nru 2.
2. Għall-klassifikazzjonijiet tal-livelli tal-edukazzjoni (ISCED-2011), ara n-noti metodoloġiċi nri 5 u 8.

Il-maġġoranza tal-gradwati tal-livell terzjarju kienu magħmula minn persuni ta’ bejn l-20 u d-29 sena (67.9 fil-mija) (Ċart nru 3, Tabelli nri 1 u 2). Il-gradwati barranin ammontaw għal 1,526, li jiġu daqs 26.2 fil-mija tal-gradwati kollha fil-livell terzjarju – żieda ta’ 12.3-il punt perċentwali fuq is-sena ta’ qabel. Iċ-ċittadini mhux tal-UE kienu jirrappreżentaw l-akbar proporzjon tal-gradwati terzjarji barranin (54.5 fil-mija) (Tabella nru 3). Matul l-2023, 71.9 fil-mija tal-gradwati kisbu kwalifika minn kors full-time, filwaqt li gradwati minn korsijiet part-time wrew żieda ta’ 16.8-il punt perċentwali fuq is-sena ta’ qabel (Tabella nru 4).

## Ċart nru 3. It-taqsim perċentwali tal-gradwati terzjarji bis-sess u l-grupp tal-età




Nota: Il-livell terzjarju jirreferi għal-livelli tal-ISCED minn 5 sa 8; ara n-nota metodoloġika nru 2.

Il-gradwati Maltin kienu jagħmlu l-maġġoranza tal-gradwati f’livelli 6 (Baċellerat jew ekwivalenti) u 7 tal-ISCED (Masters jew ekwivalenti) (81.1 fil-mija u 77.5 fil-mija, rispettivament), filwaqt li f’livelli 5 (edukazzjoni terzjarja b’ċiklu qasir) u 8 tal-ISCED (Dottorat jew ekwivalenti), il-maġġoranza tal-gradwati kienu ċittadini barranin (67.8 fil-mija u 60.3 fil-mija, rispettivament) (Tabella nru 5).

Il-qasam ta’ studju tan-‘Negozju, amministrazzjoni u liġi’ kien l-aktar wieħed popolari fost il-gradwati terzjarji fl-2023, fejn gradwati f’dan il-qasam kienu jkopru aktar minn kwart tal-gradwati kollha (29.7 fil-mija). Dan il-qasam kien ukoll l-aktar popolari fost il-gradwati f’livelli 6 u 7 tal-ISCED. Wara dawn kien hemm il-gradwati fis-‘Saħħa u l-benesseri’ bi 23.2 fil-mija tal-gradwati. Dan il-qasam kien l-aktar wieħed popolari fost il-gradwati f’livelli 5 u 8 tal-ISCED. L-‘Agrikoltura, forestrija, sajd u veterinija’ kien il-qasam ta’ studju bl-inqas għadd ta’ gradwati terzjarji, li ammontaw għal 0.2 fil-mija (Tabelli nri 6 u 7).

## Ċart nru 4. It-taqsim perċentwali tal-gradwati terzjarji bil-qasam ta’ studju u ċ-ċittadinanza




Noti:

1. Il-livell terzjarju jirreferi għal-livelli tal-ISCED minn 5 sa 8; ara n-nota metodoloġika nru 2.
2. Għall-klassifikazzjonijiet tal-livelli tal-edukazzjoni (ISCED-2011) u l-oqsma ta’ studju (ISCED-F 2013), ara n-noti metodoloġiċi nri 5 u 8.
3. Il-qasam ta’ studju ‘Programmi u kwalifiki ġeneriċi’ (qasam 00) mhuwiex inkluż hawnhekk peress li ma kienx hemm gradwati f’dan il-qasam.
4. Il-persentaġġi jistgħu ma jgħoddux għall-mija fil-mija minħabba l-arrotondament.

Il-maġġoranza tal-gradwati f’livelli 5, 6 u 7 tal-ISCED kienu qed jiggradwaw minn istituzzjonijiet immexxija mill-Istat, filwaqt li dawk li ggradwaw f’livell 8 tal-ISCED tqassmu b’mod ugwali kemm f’istituzzjonijiet immexxija mill-Istat kif ukoll f’istituzzjonijiet indipendenti (Tabella nru 8). L-oqsma ta’ studju ‘Agrikoltura, forestrija, sajd u veterinija’ u ‘Edukazzjoni’ kienu fil-biċċa l-kbira magħmulin minn gradwati Maltin (100.0 fil-mija u 96.9 fil-mija, rispettivament) (Tabella nru 9, Ċart nru 4).

Fl-2023, 14.2 fil-mija tal-gradwati kisbu kwalifika fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, u l-matematika (STEM). Minn dawn, 557 kienu rġiel filwaqt li 272 kienu nisa. Il-gradwati nisa f’dan il-qasam żdiedu b’10.1 fil-mija fuq is-sena ta’ qabel, filwaqt li l-gradwati rġiel naqsu b’6.7 fil-mija (Ċart nru 5).

## Ċart nru 5. L-għadd ta’ gradwati terzjarji fis-STEM bis-sena u s-sess




Noti:

1. Il-livell terzjarju jirreferi għal-livelli tal-ISCED minn 5 sa 8; ara n-nota metodoloġika nru 2.
2. Għall-klassifikazzjonijiet tal-livelli tal-edukazzjoni (ISCED-2011) u l-oqsma ta’ studju (ISCED-F 2013), ara n-noti metodoloġiċi nri 5 u 8.
3. Ix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, u l-matematika (STEM) huma magħmulin mill-oqsma tal-ISCED-F 2013 tax-xjenzi naturali, il-matematika, u l-istatistika (qasam 05), it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (qasam 06), u l-inġinerija, il-manifattura, u l-kostruzzjoni (qasam 07).